MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 99/2012

Rikors Numru 99/12 FDP

Fl-ismijiet

**Dr Jeremy Debono fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' ALGOBA SHIPPING AGENCY, socjeta estera' ta' nazzjonalita Libyana bin-numru ta' registrazzjoni 1558/24**

**vs**

**Triva Shipping Company Limited (C 38275)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fis 16 ta' Marzu 2012 fejn is-socjeta Libjana, permezz tal-mandatarju specjali taghha, talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' sitt elef, erbgha mija u hamsa u erbghin Euro (€6,445) rappresentanti parti minn ammont akbar dovut lis-socjeta rikorrenti, kemm ghal servizzi rezi minnha fuq inkarigu tas-socjeta initmata, kif ukoll ghal spejjez ohra relatati inkorsi ghan-nom u fuq struzzjonijiet ta' l-istess socjeta intimata.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ppresentat fl-4 ta' Gunju 2012 fejn ikkontesta t-talba bhala wahda infondata fil-fatt u fid dritt peress illi l-ammont principali rikjest mis-socjeta rikorrenti kien jirrigwarda somma mitluba abbusivament mill-awtoritajiet

Libjani u li kellu jigi kkontestat mis-socjeta rikorrenti. Is-socjeta intimata eccepiet ukoll illi s-socjeta rikorrenti ma ghamiltx l-obbligi taghha bhala agent kif suppost. Finalment, is-socjeta intimata eccepit illi s-socjeta rikorrenti kellha tipprova illi kienet ghadha tesisti taht il-ligijet Libjani u li l-prokura moghtija lill Dr Jeremy Debono kienet wahda korretta.

Rat illi fis-seduta tat 3 ta' Dicembru 2012, is-socjeta intimata irtirat it-tielet eccezzjoni taghha wara li gew ppresnetati dokumentazzjoni in risposta ghal dak allegat mis-socjeta intimata.

Rat l-affidavit ta' **Alamin Bahlul Ali Ternig**, **Mohamed Ali Lakhdar**, **Ali Elamin Ternig** u **El Amin Bahlul Ali**, redatti bil-lingwa Gharbija u tradotti bil-lingwa Ingliza lkoll ippresentati fit 3 ta' Dicembru 2012.

Rat illi fis-seduta tat 3 ta' Dicembru 2012 is-socjeta rikorrenti dikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Marcus Tonna**, rappresentant tas-socjeta intimata, ippresentat fl-20 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' Alamin Bahlul Ali Ternig u Ali Elamin Ternig, in kontro ezami, moghtija fil 21 ta' Ottubru 2013.

Semghet il-kontro ezami ta' Marcus Tonna maghmul fis 6 ta' Ottubru 2014, wara liema xhieda il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fl-20 ta' Ottubru 2014 wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda talba ghal hlas ta' servizzi resi mis-socjeta Libjana rikorrenti lis-socjeta intimata, propretarja ta' bastiment Triva 1.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-bastiment ***Triva 1*** gia propjeta tas-socjeta intimata, kien bastiment illi kien regolarment jaghmel vjaggi minn Malta lejn Tripoli, gewwa l-Libja u lura, jgorr merkanzija 'l hemm u 'l hawn.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet wahda mid-ditti illi l-bastiment Triva 1 kien jutilizza bhala agent gewwa Tripoli meta jattrakka fil-port tieghu.

Jirrizulta illi fl-20 ta' Awissu 2009, il-bastiment wasal gewwa il-port ta' Tripoli u hatt il-merkanzija kollha illi kellha fuqha minghajr ebda problemi.

Jirrizulta illi wara li hatt il-merkanzija kollha, ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti kien lesta id-dokumentazzjoni kollha li kien hemm mehtieg sabiex il-bastiment jerggha jsalpa lejn Malta meta il-bastiment twaqqaf mill-awtoritajiet portwali milli jitlaq peress illi instabu fuqu merkanzija mhux registrata illi kienet ser tigi esportata barra mill-Libja minghajr id-dokumentazzjoni mehtiega.

Jirrizulta illi fit-22 ta' Awissu 2009, gew elevati mill-ufficjali tat-Dwana ta' Tripoli minn gewwa l-bastiment '***Triva 1***' mija u tlieta u sebghin (173) par ta' zraben illi allegatement kienu qed jigu esportati bil-kontrobandu minn gewwa l-LIbja lejn Malta.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Awissu 2009, is-socjeta intimata harget "Letter of Guarantee" li fiha iddikajrat illi kienet tat struzzjoni lill-agent taghha Algoba Shipping sabiex taghmel tajjeb ghaliha in rigward il-multa imposta fuq il-bastiment fil-valur ta' ghaxart elef dinar, ghal liema somma is-socjeta intimata kienet ser taghmel tajjeb.

Jirrizulta illi sussegwentement, il-bastiment **Triva 1** telaq mill-port ta' Tripoli wara illi gie rilaxxjat mill-Awtoritajiet portwali.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti ikkontestat id-decizjoni tal-multa ta' ghaxart elef Dinar Libjani permezz ta' ittra datata 22 ta' Awissu 2009 u ittra ohra datata 26 ta' Awissu 2009.

Jirrizulta illi, permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru 2009 (ghalkemm indikata erronjament fit-traduzzjoni bhala 2013) id-Dipartiment tad-Dwana ta' Tripoli ikkonferma illi t-tehid tal-oggetti da parte tal-Awtoritajiet Portwali kienet wahda korretta.

Ma jirrizulta minn imkien, la mill-korrispondenza ufficjali tad-Dipartiment tad-Dwana ta' Tripoli, u lanqas minn xi dokumentazzjoni ohra ppresentata mis-socjheta rikorrenti, illi kien hemm multa ta' ghaxart elef dinar imposta fuq il-bastiment ***Triva 1*** kif ukoll illi tali multa thallset jew qed tintalab mis-socjeta rikorrenti lill-istess awtoritajiet.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjoni ta' fatti li ma ssib ebda riskontru f'dokumentazzjoni. Dana huwa dovut ghal fatt illi r-rappresentant tas-socjeta rikorrenti Alamin Bahlul Ali Ternig jistqarr illi la hu u lanqas it-tifel tieghu ma kienu fuq il-post meta il-bastiment gie mizmum mill-awtoritajiet mentri, mill-banda l-ohra, Ali Elamin Ternig, iben l-istess Alamin Bhlul Ali Ternig, jistqarr illi huwa kien gewwa l-bastiment meta il-bastiment gie mizmum.

Apparti minn hekk, Ali Elamin Ternig jistqarr illi, waqt illi kien fil-bastiment, sema hoss ta' borza tal-plastic tintefa gewwa il-bastiment akkumpanjata minn hoss ta' karozza ssuq 'l hinn bi velocita' qawwija, u meta l-Awtoritajiet raw dina l-borza, waqqfu il-bastiment.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hija kemmxen inverosimili l-verzjoni li ta' t-tifel Ali Elamin Ternig meta stqarr illi l-awtoritajiet tad-dwana waqqfu il-bastiment wara illi raw il-borza tal-plastic illi giet mitfugha fil-bastiment, peress illi minn dokumentazzjoni ippresentata mill-istess socjeta rikorrenti, dak li attwalment ikkonfiskaw minn fuq il-vapur kien 173-il par ta' zarbun u mhux semplicement borza sewda tal-plastik kif jaghti x'jifhem Ali Elamin Ternig.

**Ikkunsidrat**

Kif stqarret recentement il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Mohammed Dau Akkari vs Kevin Lungaro Mifsud et** deciza fl-24 ta' Novembru 2014, il-Qorti ghandha tistrieh unikament fuq dak li johrog mill-atti processwali u ma tistax tasal ghal konkluzjonijiet fuq kongetturi izda biss fuq provi prodotti. Kif sahqet il-Qorti ta' l-Appell, meta jkun hemm

*..... kunflitt fil-provi ghar-rigward dan il-punt, l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieh fuq kongetturi, izda biss fuq dak li kien johrog mill-atti, mill-ligi u il-gurisprudenza.*

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tistrieh fuq il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali u xejn aktar.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi konsenja ta' 173-il par zarbun gew konfiskati minn fuq il-bastiment Triva 1 fl 20 ta' Awissu 2009, u dana kif jidher a fol 66 u 73 tal process.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Awissu 2009, is-socjeta intimata ghamlet garanzija li taghmel tajjeb ghall-multa ta' ghaxart elef Dinar Libjani illi kienu ser jigu imposti.

Minn **<u>imkien</u>** ma jirrizulta illi l-multa ta' ghaxart elef Dinar Libjani qatt gew imposti, la fuq is-socjeta rikorrenti, bhala agent tal-bastiment Triva 1, u wisq anqas fuq is-socjeta intimata, u ma hemm ebda prova illi dina thallset mis-socjeta rikorrenti.

L-unika dokumentazzjoni ufficjali tikkonferma illi l-merkanzija giet konfiskata izda ebda referenza ghal multa ma qatt issir.

Ghalhekk, ma hemm ebda prova illi l-multa ta' ghaxart elef Dinar Libjani, illi taghha is-socjeta qieghda titlob il-hlas minghand is-socjeta intimata, qatt thallset mill-istess socjeta rikorrenti, u ghalhekk certament ma hemm ebda prova illi dina hija dovuta mis-socjeta intimata - kull ma ghandha fil-pussess taghha dina l-Qorti hija garanzija mahruga mis-socjeta intimata illi tindika illi hija kienet lesta taghmel tajjeb ghal hlas tal-multa.

Kieku verament is-socjeta rikorrenti hallset il-multa allegatement imposta, jew sahansitra qieghda tintalab sabiex thallas tali multa, kienet tipproduci dokumentazzjoni ufficjali sabiex tikkorrobora tali allegazzjoni - madanakollu, ebda tip ta' dokumentazzjoni f'dan is-sens ma giet prodotta mis-socjeta rikorrenti.

Apparti mill-ammont rikjest li kien jirrigwarda l-import tal-multa allegatament dovuta, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob ukoll il-hlas ghal diversi servizzi resi lill-istess bastiment. Fix-xhieda tieghu, ir-rappresentant tas-socjeta intimata, Marcus Tonna, jghid illi huwa hallas ghas-saldu lis-socjeta rikorrenti ghas-servizzi taghha is-somma ta' elf Euro, u dana permezz ta' zewgt pagamenti ta' hames mitt Euro fl-20 ta' Ottubru 2010 u hames mitt Euro fil 5 ta' Novembru 2010.

Jirrizulta illi tali pagamenti saru wara l-ahhar korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u esebita mis-socjeta rikorrenti a fol 25 u 26 tal-process, u kienu jirrappresenetaw il-

hlas tal-bilanc rikjest mis-socjeta rikorrenti wara li jitnaqqas minnu l-import tal-multa allegatament imposta fuq il-bastiment mill-Awtoritajiet Libjani.

Ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita dak illi qieghed jistqarr ir-rappresntant tas-socjeta intimata meta jghid illi huwa hallas dak kollu illi kien dovut lis-socjeta rikorrenti, u ma kien hemm ebda somma ohra dovuta lilu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u semghet ix-xhieda tal-partijiet, semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi qieset fid-dettall l-atti processwali u d-dokumentazzjoni hemm ippresentata

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa'** l-eccezzjonjiet kollha tas-socjeta intimata u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tal-attur mandatarju.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------